



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.11.2017  
COM(2017) 686 final

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara  
applikazzjoni minn Spanja - EGF/2017/006 ES/Galicia apparel**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **KUNTEST TAL-PROPOSTA**

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006<sup>1</sup> (ir-“Regolament tal-FEG”).
2. Fid-19 ta' Lulju 2017, Spanja ressqet l-applikazzjoni EGF/2017/006 ES/Galicia apparet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji<sup>2</sup> fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 14 tal-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' ħwejjeġ) fir-reġjun tal-livell NUTS 2 ta' Galicia (ES11) fi Spanja.
3. Wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, skont id-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament tal-FEG, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

### **SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI**

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2017/006 ES/Galicia apparet
L-Istat Membru	Spanja
Ir-reġjun(i) ikkonċernat(i) (il-livell NUTS <sup>3</sup> 2)	Galicia (ES11)
Id-data tat-tressiq tal-applikazzjoni	Id-19 ta' Lulju 2017
Id-data ta' konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	Id-19 ta' Lulju 2017
Id-data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	It-2 ta' Awissu 2017
Id-data ta' skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	It-13 ta' Settembru 2017
L-iskadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	Is-6 ta' Diċembru 2017
Il-kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2) tar-Regolament FEG, b'deroga mill-kriterji tal-Artikolu 4(1)(b)
L-għadd ta' intrapriżi kkonċernati	5
Is-settur(i) tal-attività ekonomika (Id-Diviżjoni NACE Reviżjoni 2) <sup>4</sup>	Id-Diviżjoni 14 (Manifattura ta' ħwejjeġ)
Il-perjodu ta' referenza (disa' xhur):	It-30 ta' Lulju 2016 – it-30 ta' April 2017
L-għadd totali ta' sensji	303

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

<sup>2</sup> Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEG.

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat- 8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

<sup>4</sup> ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

L-għadd totali ta' beneficijarji eliġibbli	303
L-għadd totali ta' beneficijarji fil-mira	303
Il-baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	1 140 000
Il-baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG <sup>5</sup> (EUR)	60 000
Il-baġit totali (EUR)	1 200 000
Il-kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	720 000

## VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

### Proċedura

4. Fit-19 ta' Lulju 2017, Spanja ressqet applikazzjoni EGF/2017/006 FI/Apparel fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji tal-intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG. Il-Kummissjoni kkonfermat il-wasla tal-applikazzjoni fl-istess data u talbet informazzjoni addizzjonali minn Spanja fit-2 ta' Awwissu 2017. Din l-informazzjoni addizzjonali nġhatat fi żmien sitt ġimgħat mid-data tat-talba. L-iskadenza ta' 12-il ġimgħa mill-wasla tal-applikazzjoni sħiħa li fiha l-Kummissjoni teħtieġ li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-ġhoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja tiskadi fis-6 ta' Diċembru 2017.

### L-eliġibbiltà tal-applikazzjoni

#### *L-intrapriżi u l-benefiċjarji kkonċernati*

5. L-applikazzjoni tikkonċerna 303 ħaddiema li nġhataw is-sensja fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 14 tal-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura tal-ħwejjeġ). Is-sensji mogħtija jinsabu fir-reġjun tal-livell NUTS 2 ta' Galicia (ES11).

<b>L-intrapriżi u l-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza</b>			
Caramelo S.A.	97	Shivshi S.L.	41
Confecciones Deus S.L.	20	Viriato	106
Deus Creaciones S.L.	39		
<b>L-għadd totali ta' intrapriżi: 5</b>		<b>L-għadd totali ta' sensji:</b>	<b>303</b>
<b>L-għadd totali ta' ħaddiema indipendenti li l-attività tagħhom waqfet:</b>			<b>0</b>
<b>L-għadd totali ta' ħaddiema eliġibbli u ħaddiema indipendenti:</b>			<b>303</b>

#### *Kriterji ta' intervent*

6. Spanja ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(2) li jidderoga mill-kriterju tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-FEG, li jeħtieġ li mill-inqas 500 ħaddiem jingħataw is-sensja fuq perjodu ta' referenza ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fil-livell ta' Diviżjoni tal-NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi li huma definiti fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru. Kien hemm 303 sensji fir-reġjun tal-livell NUTS 2 ta' Galicia (ES11).
7. Il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur tal-applikazzjoni huwa mit-30 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' April 2017.

<sup>5</sup> Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

*Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività*

8. Is-sensji kollha tul il-perjodu ta' referenza ġew ikkalkulati mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt tal-impjeg jew l-iskadenza tiegħu.

*Benefiċjarji eliġibbli*

9. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 303.

*Rabta bejn is-sensji u bidliet strutturali ewlenin fil-mudelli kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni*

10. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni, Spanja ssostni li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fit-tessuti u l-ħwejjeġ — wara l-iskadenza tal-Arrangement Multifibri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fi tmiem l-2004 — wasslet għal bidliet radikali fl-istruttura tal-kummerċ dinji. Skont iċ-ċifri tal-EUROSTAT-Comext, fl-2016, l-importazzjonijiet ta' ħwejjeġ fl-UE28 żdiedu b' 37,9 % meta mqabbla mal-2008 u bi 83,2 % meta mqabbla mal-2004.

**Importazzjonijiet u esportazzjonijiet ta' ħwejjeġ fl-UE28 (f'miljuni ta' euro)**


	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010
<b>IMPORTAZZJONIJE T</b>	49 674,5	54 379,5	61 409,9	64 479,0	65 990,0	63 735,6	71 169,7
<b>ESPORTAZZJONIJE T</b>	14 929,5	15 684,1	17 095,7	18 368,8	19 159,5	16 218,6	17 346,2

	2011	2012	2013	2014	2015	2016
<b>IMPORTAZZJONIJE T</b>	77 866,3	75 008,4	74 830,4	82 016,8	90 256,8	91 002,5
<b>ESPORTAZZJONIJE T</b>	20 555,7	22 857,5	23 888,9	24 990,4	25 944,7	26 149,1

*Sors: Eurostat-Comext*

11. Il-fornitur ewlieni huwa ċ-Ċina b'żieda ta' 245 % tal-importazzjonijiet tagħha fl-UE28 fl-2016 meta mqabbel mal-2004 (minn EUR 13-il biljun għal EUR 31,8-il biljun), segwit mill-Bangladesh li l-importazzjonijiet tiegħu lejn l-UE żdiedu b'erba' darbiet (minn EUR 3,8 biljuni għal EUR 15,3 biljun).
12. Matul l-istess perjodu, l-esportazzjonijiet mill-UE28 żdiedu wkoll, għalkemm fuq skala iżgħar. L-esportazzjonijiet tal-ħwejjeġ żdiedu b'28,3 % fl-2016 meta mqabbla mal-2008 u b'75,1 % meta mqabbla mal-2004. Għal dak li hu ħwejjeġ, dan irriżulta f'bilanċ kummerċjali dejjem iktar negattiv tal-UE.

## Il-bilanċ kummerċjali tal-UE28 fil-ħwejjeġ



Sors: Eurostat-Comext

- Sal-lum, is-settur tal-Manifattura tal-ħwejjeġ għadu s-suġġett ta' ħames applikazzjonijiet tal-FEG, li tlieta minnhom kienu bbażati fuq il-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ u tnejn fuq il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali<sup>6</sup>. Din hija t-tieni applikazzjoni li tikkonċerna ħaddiema ssensjati f'SMEs li joperaw fis-settur tat-tessuti f'Galicia.


*Avvenimenti li wasslu għas-sensji u l-waqfien tal-attività*

- Iż-żieda fl-importazzjonijiet lejn l-UE għamlet pressjoni biex jonqsu l-prezzijiet li kellhom effett negattiv fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-intrapriżi fis-settur tat-tessuti fl-UE u kkawżat tendenza ġenerali fl-industrija tat-tessuti u l-ħwejjeġ biex il-produzzjoni tinħareġ lejn pajjiżi b'anqas spejjeż barra mill-UE, bħall-Marokk, it-Tuneżija, iċ-Ċina u diversi pajjiżi Asjatiċi<sup>7</sup>. F'Galicia, dan irriżulta fi tnaqqis kostanti fl-għadd ta' kumpaniji tal-ħwejjeġ (-26 % tul il-perjodu 2010-2016) u għalhekk is-sensji.

<sup>6</sup> Ibbażati fuq il-kummerċ marbut mal-globalizzazzjoni: EGF/2017/006 ES Galicia apparel (l-oġġett ta' din il-proposta għal deċizzjoni), kif ukoll, EGF/2007/008 MT Textiles, COM(2008) 94 u EGF/2010/003 ES Galicia textile, COM(2010) 437. Ibbażati fuq il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali: EGF/2009/018 LT Wearing apparel, COM(2010) 56 u EGF/2010/014 SI Mura, COM(2010) 582.

<sup>7</sup> Sors: Cointega, raggruppament tat-tessuti tal-moda ta' Galicia ([www.cointega.com](http://www.cointega.com)).

## Intrapriżi tal-ħwejjeġ (NACE 14) f'Galicia



Sors: Instituto Gallego de Estadística (IGE).

*Spjegazzjoni ta' ċirkostanzi eċċezzjonali li jirfdu l-ammissibiltà tal-applikazzjoni u l-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija u l-impjiegi lokali.*

- Spanja targumenta li, minkejja l-fatt li ftit anqas minn 500 ngħataw is-sensja fil-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur, din l-applikazzjoni xorta jenħtieġ li tiġi assimilata ma' applikazzjoni skont l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-FEG minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li għandhom impatt serju fuq l-impjiegi u fuq l-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali.
- Il-popolazzjoni f'Galicia tikkonċentra prinċipalment fuq ċentri ekonomiċi ewlenin tar-reġjun, iż-żoni kostali bejn Ferrol u A Coruña (il-Majjistral) u bejn Villagarcía, Pontevedra u Vigo (il-Lbiċ); filwaqt li t-territorji interni qed jiffaċċjaw kwistjonijiet ta' depopolazzjoni u n-nuqqas ta' impjiegi. Fl-2016, kien hemm 13 375 persuna inqas jgħixu f'Galicia milli fl-2000, iżda kien hemm 1 260 sit vojta, jgħifieri, siti abbandunati (bietet jew unitajiet oħra ta' popolazzjoni) aktar milli fl-2000, hekk kif in-nies qed jiċċaqalqu u jikkonċentraw qrib ċentri ekonomiċi. Barra minn dan, mill-2010, l-evoluzzjoni demografika f'Galicia kienet negattiva (bi tnaqqis annwali ta' madwar 2,3 %) minħabba l-emigrazzjoni taż-żgħażaġh u l-għadd dejjem jikber ta' mwiet imqabbel ma' dak tat-twelid.
- It-territorju milqut mis-sensji huwa Ordes/Órdenes<sup>8</sup>, territorju intern fejn l-intrapriżi tal-ħwejjeġ (ħafna minnhom SMEs, kooperattivi) huma mutur ekonomiku.

### Il-post ġeografiku tal-Ordes/Órdenes



<sup>8</sup> L-isem tat-territorju bil-Galizjan u bl-Ispanjol.

18. Ordes, it-territorju li jiddependi ħafna fuq l-industrija tal-ħwejjeġ, kien qed isofri minn tnaqqis fl-għadd ta' intrapriżi tal-ħwejjeġ b'riżultat ta' tmiem l-attivitajiet jew il-produzzjoni lil hinn mill-kosta, li ġiet wara ż-żieda fl-importazzjonijiet ta' ħwejjeġ li jintlibsu fl-UE. Matul il-perjodu 2008-2014, l-għadd ta' intrapriżi ta' aktar minn 6 ħaddiema naqas b'40 %. Flimkien mat-tnaqqis fl-għadd tal-intrapriżi tal-ħwejjeġ, il-PDG per capita f'Ordes naqas minn EUR 17 057 fl-2010 għal EUR 15 883 fl-2014. Il-qgħad fis-settur tal-manifattura f'Ordes żdied b'40 % matul il-perjodu ta' Diċembru 2016-April 2017, meta seħħet il-maġġoranza tas-sensji - l-oġġett ta' dan applikazzjoni.
19. Is-sensji huma mistennija li jpoġġu pressjoni kbira fuq it-territorju. L-impatt tas-sensji hija marbuta mad-diffikultajiet ta' riallokazzjoni, minħabba l-iskarsezza ta' impjegi, peress li t-territorju huwa 'l bogħod miċ-ċentri industrijali l-kbar; minħabba l-isfond ta' edukazzjoni baxxa tal-ħaddiema sensjati; minħabba l-ħiliet vokazzjonali tagħhom żviluppata f'settur li sejjer lura; u minħabba l-għadd għoli ta' persuni li qed ifittxu xogħol. Il-persuni qiegħda fl-industrija tal-manifattura jammontaw għal 34,6 % (43,7 % jekk nirreferu għall-qgħad fost in-nisa) tal-persuni kollha bla xogħol f'Ordes.

### Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti

#### Benefiċjarji fil-mira

20. Il-303 ħaddiema kollha ssensjati huma mistennija li jipparteċipaw fil-miżuri. It-tqassim ta' dawn il-ħaddiema skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età huwa kif ġej:

Il-kategorija		L-għadd ta' benefiċjarji fil-mira	
Sess:	Irġiel:	50	(16,50 %)
	Nisa:	253	(83,50 %)
Ċittadinanza:	Ċittadini tal-UE:	298	(98,35 %)
	ċittadini mhux tal-UE:	5	(1,65 %)
Il-grupp ta' età:	15-24 sena:	2	(0,66 %)
	25-29 sena:	13	(4,29 %)
	30-54 sena:	217	(71,62 %)
	55-64 sena:	71	(23,43 %)
	iktar minn 64 sena:	0	(00,0 %)

#### L-eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

21. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema ssensjati jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin:
- Sessjonijiet ta' merħba u workshops preparatorji: Is-sessjonijiet ta' merħba huma l-ewwel miżura li se tiġi offruta lill-benefiċjarji fil-mira kollha u tinkludi tagħrif ġenerali dwar programmi disponibbli għall-pariri u t-taħriġ; u dwar konċessjonijiet u inċentivi; Din tinkludi wkoll il-ġbir ta' profili tal-ħaddiema parteċipanti. Fil-ħidma preparatorja, se tiġi pprovduta informazzjoni iktar

dettaljata dwar ir-riallokazzjoni, dwar setturi li jirrikjedu liċenzji jew ċertifikati ta' kompetenza professjonali, dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' kompetenzi u ħiliet akkwistati f' sitwazzjonijiet tax-xogħol; u kif ilestu l-edukazzjoni obbligatorja.

- Ser tingħata gwida okkupazzjonali dwar impjiegi dipendenti jew impjiegi indipendenti matul il-perjodu ta' implimentazzjoni.
  - Taħriġ. Dan ser jinkludi taħriġ dwar kompetenzi prinċipali, kompetenzi orizzontali, taħriġ vokazzjonali bħal taħriġ għal impjiegi b'valur miżjud oġġla fis-settur tal-ħwejjeġ (għall-kuntrarju ta' produzzjoni f'oqsma oħrajn bħad-disinn, id-distribuzzjoni, il-ġestjoni tad-ditta jew loġistika barra mill-pajjiż), il-kura ġerjatrika u soċjali u l-kura tas-saħħa għad-dipendenti, il-ġzin, il-monitoraġġ ta' divertiment u rikreazzjoni, kif ukoll il-preparazzjoni għat-testijiet lejn ir-rikonossiment tal-ħiliet miksuba permezz tal-esperjenza tax-xogħol/ir-rikonossiment tat-tagħlim u taħriġ minn qabel sal-intraprenditorija.
  - Assistenza intensiva fit-tiftix għax-xogħol, inkluża riċerka attiva tal-opportunitajiet ta' impjiegi lokali u reġjonali (anki għal persuni li jaħdmu għal rashom) u għall-kollokazzjoni.
  - Tutoring wara l-integrazzjoni mill-ġdid fix-xogħol. Biex ma jqumux problemi possibbli fl-impjiegi l-ġodda tagħhom, il-ħaddiema integrati mill-ġdid fl-impjiegi se jiġu għwidati matul l-ewwel xhur.
  - Inċentivi. Se jkun hemm varjetà ta' inċentivi. **(1) Inċentiv ta' parteċipazzjoni**. Il-ħaddiema li jieħdu sehem fil-miżuri u li segwu l-perkors miftiehem biex jiġu integrati mill-ġdid se jirċievu sa EUR 400 (fi ħlas ta' darba jew f'pagamenti parzjali). **(2) Kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar**. EUR 3 kuljum għall-ivvjaġġar fl-istess belt u EUR 0,19/km għall-ivvjaġġar bejn il-bliet. **(3) Kontribuzzjoni għall-ispejjeż għal min jieħu ħsieb persuni dipendenti**. Ĥaddiema li għandhom responsabbiltà ta' kura (tfal, anzjani jew persuni b'diżabbiltà) se jirċievu EUR 15<sup>9</sup> kull jum ta' parteċipazzjoni fil-miżuri. Dan għandu l-għan li jkopri l-ispejjeż addizzjonali li jkollhom il-parteeipanti li għandhom responsabilitajiet ta' kura sabiex ikunu disponibbli għat-taħriġ jew miżuri oħrajn. **(4) Kumpens għad-dħul**. Dawk il-persuni li jirrintegraw ruħhom mill-ġdid fid-dinja tax-xogħol bħala persuni li jaħdmu għal rashom se jirċievu kumpens ta' dħul ta' EUR 200 kull xahar, għall-perjodu ta' sitt xhur.
22. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fil-qafas tal-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jieħdux post miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
23. Spanja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar azzjonijiet li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex sejra tieħu post dawn l-azzjonijiet.

#### *Baġit stmat*

24. L-ispejjeż totali stmati huma ta' EUR 1 200 000, li jinkludu nefqa ta' EUR 1 140 000 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 60 000 għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar.

<sup>9</sup> EUR 20 kuljum meta l-għadd ta' persuni dipendenti huma tnejn jew aktar



25. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 720 000 (60 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	L-għadd stmat ta' parteċipanti	L-ispiża stmata għal kull parteċipant (EUR) <sup>10</sup>	L-ispejjeż totali stmati (EUR) <sup>11</sup>
<b>Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)</b>			
Sessjonijiet ta' merġba u workshops preparatorji ( <i>Acogida y medidas de sensibilización</i> )	303	187	56 628
Gwida okkupazzjonali ( <i>Programa de orientación</i> )	212	583	123 598
Taħriġ ( <i>Programa de formación</i> )	212	2 514	533 030
Għajjnuna intensiva għat-tfittix għal impjeg ( <i>Apoyo a la recolocación</i> )	100	1 978	197 836
Taħriġ wara l-integrazzjoni mill-ġdid fix-xogħol ( <i>Seguimiento en el empleo</i> )	95	224	21 308
Is-subtotal (a): Il-perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati		–	932 400 (81,79 %)
<b>L-allowances u l-inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)</b>			
Inċentivi ( <i>Programa de incentivos</i> )	212	979	207 600
Is-subtotal (b): Il-perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:		–	207 600 (18,21 %)
<b>L-azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG</b>			
1. L-attivitajiet ta' thejġija		–	0
2. Ġestjoni		–	48 000
3. L-informazzjoni u l-pubbliċità		–	3 000
4. Il-kontroll u r-rapportar		–	9 000
Is-subtotal (c): Il-perċentwal tal-ispejjeż totali:		–	60 000 (5,00 %)
L-ispejjeż totali (a + b + c):		–	1 200 000

<sup>10</sup> Biex jiġu evitati d-deċimali, l-ispejjeż stmati għal kull ħaddiem tqarrbu għall-eqreb numru sħiħ. Madankollu t-tqarrib ma għandu l-ebda impatt fuq l-ispiża totali ta' kull miżura li jifdal bħal fl-applikazzjoni mressqa minn Spanja.

<sup>11</sup> It-totali ma jaqblux bl-eżatt minhabba t-tqarrib.

Il-kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-ispejjeż totali)	–	720 000
--	---	---------

26. L-ispejjeż tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbxux il-35 % tal-ispejjeż totali tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati. Spanja kkonfermat li dawn l-azzjonijiet jiddependu fuq il-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira fl-attivitajiet ta' tiftix ta' impjeg jew ta' taħriġ.

*Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa*

27. Spanja bdiet tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-4 ta' Settembru 2017. Għalhekk, in-nefqa fuq l-azzjonijiet se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-4 ta' Settembru 2017 sal-4 ta' Settembru 2019.
28. Spanja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva sabiex timplimenta l-FEG fil-21 ta' Awwissu 2017. Għalhekk, in-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità kif ukoll dawk ta' kontroll u rapportar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-21 ta' Awwissu 2017 sal-4 ta' Marzu 2020.

*Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni*

29. Is-sors ta' prefinanzjament jew kofinanzjament nazzjonali huwa fondi tar-reġjun awtonomu ta' Galicia.
30. Spanja kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn fuq li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.

*Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali*

31. Spanja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali. Wara l-ewwel laqgħa li saret fit-28 ta' Settembru 2017, dawn ġew infurmati dwar l-applikazzjoni mressqa għall-kofinanzjament mill-FEG bħala appoġġ għall-ħaddiema li nġhataw is-sensja fil-qasam tal-ħwejjeġ f'Galicia. F'din l-okkażjoni, dawn kienu mistiedna wkoll biex jipparteċipaw f'laqgħat fejn il-miżuri li kellhom jiġu pprovduti ġew diskussi. Il-laqgħat saru f'diversi dati f'Ottubru. Peress li s-sħab soċjali pparteċipaw b'mod attiv każijiet preċedenti ppreżentati mill-awtoritajiet ta' Galicia, bħala korpi ta' implimentazzjoni, dawn ikunu informati dwar il-valur miżjud ta' miżuri kofinanzjati mill-FEG u huma impenjati f'dan il-każ.

**Sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

32. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun immaniġġjata u kkontrollata mill-istess entitajiet li jimmaniġġjaw u jikkontrollaw l-FSE. Xunta de Galicia se jkun il-korp intermedjarju għall-awtorità ta' ġestjoni<sup>12</sup>.

<sup>12</sup> Xunta de Galicia u b'mod partikolari Consellería de Faċenda — Dirección General de política financiera, tesoro y fondos europeos/Servicio de inspección y kontroll de fondos comunitarios b'kooperazzjoni mal-Consellería de Economía, Empleo e Industria — Secretaría Xeral de

## **Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat**

33. Spanja pprovdiet l-assigurazzjonijiet meħtieġa kollha rigward dawn li ġejjin:
- il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u ta' nondiskriminazzjoni sejrjn jiġu rispettati fil-kuntest tal-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom,
  - ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati,
  - l-intrapriżi li taw is-sensji, li komplew bl-attivitajiet tagħhom wara s-sensji, ikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom li jikkontrollaw is-sensji u pprovdew għall-ħaddiema tagħhom kif xieraq,
  - l-azzjonijiet proposti mhumiex sejrjn jirċievu għajjnuna finanzjarja minn fondi oħrajn jew minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni, u kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi prevenut,
  - l-azzjonijiet proposti se jikkumplimentaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali,
  - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuniet mill-Istat.

## **IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

### **Proposta baġitarja**

34. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<sup>13</sup>.
35. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mobilizzat il-FEG għall-ammont ta' EUR 720 000, li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, biex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
36. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>14</sup>.

### **Atti relatati**

37. Fl-istess żmien li se tkun qed tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġu trasferiti EUR 720 000 fil-linja baġitarja rilevanti.

---

Emprego/Subdirección Xeral de Relacións Laborais se jkun il-korp intermedjarju għall-awtorità ta' ġestjoni.

<sup>13</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>14</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

38. Fl-istess waqt li se tadotta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li se jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG.

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni minn Spanja - EGF/2017/006 ES/Galicia apparel

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006<sup>15</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>16</sup>, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u fil-każ ta' persuni li jaħdmu għal rashom meta l-attività tagħhom tkun intemmet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u biex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma jridx jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013<sup>17</sup>.
- (3) Fid-19 ta' Lulju 2017, Spanja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt il-klassifikazzjoni Statistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE") Reviżjoni 2 Diviżjoni 14 (Manifattura tal-ħwejjeġ) fin-Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika ("NUTS")<sup>18</sup> livell 2 ir-reġjun ta' Galicia (ES11) fi Spanja. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

<sup>15</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

<sup>16</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

<sup>17</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

<sup>18</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

- (4) F'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, l-applikazzjoni minn Spanja titqies ammissibbli peress li s-sensji għandhom impatt serju fuq l-impjiegi u l-ekonomija lokali.
- (5) Għalhekk, il-FEG jenħtieġ li jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 720 000 fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa minn Spanja.
- (6) Biex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2018, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 720 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija għandha tapplika minn *[the date of its adoption]*\*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*